# Kif beda kollox …

Żmien ilu, il-bnedmin u d-draguni kienu jgħixu flimkien paċifikament fid-dinja ta' Organda. Jum minnhom twieled dragun li kellu s-setgħa jinbidel fi bniedem wara nżul ix-xemx. Kien jismu Lejli.

Kien waqt festin fit-tard fil-Palazz il-Kbir li Lejli lemaħ l-imħabba ta' ħajtu fil-Prinċipessa Żerniq u ra f'ħarsitha li hi kienet tħoss l-istess għalih.

Talab lir-Re ta' Organda biex jiżżewweġ lil bintu, u dan inkorla u ċaħad it-talba tiegħu. Lejli ma qal xejn. L-għada seraq lill-Prinċipessa Żerniq. U qatt ħadd ma reġa' rahom. U b'hekk ingħata bidu għall-Gwerra Dejjiema …

Ħafna snin wara, meta kulħadd kien mingħalih li d-draguni kienu ilhom li għebu aktar minn seklu, draguna u binha ntlemħu fl-inħawi tal-villaġġ ta' Céneri-el-Gérei. Fl-istess post, fl-istess jum, tifel bl-isem ta' Ervaël waqa' u weġġa'. U taħt il-ġrieħi li ġarrab, minn taħt il-ġilda spuntat qoxra ta' dragun: kien tifel-dragun, u qatt ma kien intebaħ!

Għażel li jaħrab għax beża' li kienet se tirrappurtah Lena, tifla fil-klassi tiegħu. Iżda din, minflok, iddeċidiet li tmur miegħu …





# 1 Taf fejn int sejjer, tifel-dragun?

Il-belt ta' Céneri-el-Gérei kienet ilha li għebet meta Lena fl-aħħar staqsiet lil Ervaël il-mistoqsija li kienet ilha żmien twil tomgħod.

"X'se ssir int la tikber? Tifel li jobżoq in-nar jew dragun ta' veru, bil-ġwienaħ?"

"Daqsek naf," weġibha.

"Int bilfors taf xi ħaġa. Wara kollox huwa ġismek li qed jinbidel, mhux tiegħi!"

Ervaël ipprefera jibqa' sieket. Lena, ta' fitta li hi, kienet baqgħet imwaħħla miegħu l-ħin kollu. Kienet ħalfet li se tirrappurtah mal-ewwel opportunità li jkollha, u Ervaël kien jaf li kienet iżżommha kelma. Għalfejn ma kienx ipprova jiżgiċċalha huma u għaddejjin mill-foresta sfiqa? Issa li l-wita kienet kollha blat, ma kellux fejn jista' jistaħbielha u jitbiegħed minnha.

Huma u mexjin, Ervaël baqa' jhewden dwar il-ħolma tal-lejl ta' qabel fejn kien deherlu Lejli. Kliem ir-raġel-dragun kien għadu qed jidwi f'rasu: "Xi darba għad niltaqgħu, ja tifel-dragun … hekk hemm miktub … f'*Il-Ktieb il-Kbir tal-Lejl*."

Jekk *Il-Ktieb il-Kbir tal-Lejl* kien tassew jeżisti, Ervaël kien jaf fejn kellu jfittxu. F'Organdi, il-belt kapitali, kien hemm l-akbar librerija tar-renju ta' Organda. Kienu jsejħulha d-Dar tal-Meravilji. It-tifel qatt ma kien rifes hemm ġew, iżda kien sema' ħafna dwarha.

"Nispera li taf fejn sejjer."

Lena veru kienet tqabbiżhielu. Għaliex ma kellux il-kuraġġ iħebb għaliha u jagħmilha trietaq?

"Organdi."

"Għalfejn?" insistiet Lena.

"Inti ħalli f'idi … jekk xi ħadd jistaqsik, għandek skuża li ma taf xejn."

It-tifla, li kienet qed issegwih qisha dellu, tatu ħarsa kerha.

"M'int se titlef xejn jekk tistenna ftit,